MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2006

Talba Numru. 2019/2002

**Vodafone Malta Limited**

**Vs**

**Richard Vella**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta Awissu 2002 fejn is-socjeta attrici qed titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta mija u hamsa u sebghin lira Maltin u disa u tmenin centezmi (LM175.89) rapprezentanti valur ta servizzi rezi fuq mobile phone numru 9973915.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta mandat ta sekwesrtu prezentat kontestwalment ma dan l-avviz u bl-interessi legali kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fit-23 ta Lulju 2003 fein eccepixxa l-preskrizzjoni tal-azzjoni odjerna ai termini tal-artikolu 2156 (f) Kap 16 tal-Ligijiet ta Malta oltre li fis-sustanza u b'mod generiku u vag ferm it-talba attrici giet ukoll kontestata stante li jinghad li l-ammont mitlub ma hux dovut mill-konvenut u saret riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-provi prodotti u d-dokumenti esebiti.

Ezamina n-Nota ta osservazzjonijiet prezentata mir-rispettivi avukati difensuri tal-kontendenti.

Ikkunsidra.

Illi fis-seduta tad-19 ta April 2004 il-konvenut tramite l-konsulent legali tieghu rtira l-ewwel eccezzjoni tieghu tal-preskrizzjoni u ghalhekk il-kontestazzjoni issa baqghet fuq l-eccezzjoni generika u vaga li semplicement ma hux dovut. Illi fix-xhieda tieghu il-konvenut filwaqt li jammetti li l-ammont mitlub f'din il-kawza baqa ma halsux, huwa jipprova jaghti spjegazzjoni dwar dan.

Illi ghalkemm b'dak li rrakkonta l-konvenut tista taghtih id-dritt ta xi azzjoni kontra s-socjeta attrici, b'dana kollu pero ma tistax isservi bhala gustifikazzjoni biex ma jhallasx il-kont pendenti hawn mitlub f'dan l-avviz.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, jilqa t-talba attrici u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta mija u hamsa u sebghin lira Maltin disgha u tmenin centezmu (Lm175.89) bl-imghax legali dekorribbli mit-23 ta Lulju 2003 u bl-ispejjes kollha ta din l-istanza ghandhom jigu lkoll sopportati mill-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------